## LILL-IMDINA

*Minn fuq dik l-għolja int rajthom kemm-il darba*
*Telgħin l-egħdewwa għalik, ja Belt Qadima.*
*Int tajt lil bosta wlied l-aħħar tislima*
*U ħsilt bid-dmugħ l-iswar b'demmhom imxarrba.*

*'Ma ġriet l-aħbar ta' ferħ: mit-triq imġarrba*
*Għaddejtu lil Ruġġier fost l-akbar qima.*
*Mill-ġdid tjassart...... Saflaħħar, bi tbissima,*
*Lin-nies ta' Napuljun rajthom imħarrba.*

*Illum, fis-skiet, tiftakar dawk il-ġrajja......*
*U tibki lill-ulied li ssieltu miegħek*
*Biex ma jarawha qatt lil Malta lsira.*

*Għalhekk, bħal ċimiterju, bqajt bla ħajja:*
*U n-nies tirfes bla ħoss...... fuq l-oqbra tiegħek,*
*Taħseb fl-eroj qalbiena ta' dil-Gżira.*

*　　*　　*

## ~~IL-MISTERI TAN-NATURA~~

~~*Fil-qalb ta' l-univers fejn hemm miġbura*~~
~~*L-egħġubijiet tal-ġmiel, tal-lwien u d-dija,*~~
~~*Hemm il-misteri kbar, sa fl-iċken fjura,*~~
~~*Misteri minsuġin b'għerf is-sbuħija.*~~

~~*Fl-għerien ta' l-oċejan kull lewn u sura*~~
~~*Ta' ħut, arzell u qroll; taħt l-art moħbija*~~
~~*Djamanti u ġawhar; deheb fis-sema u ħmura...*~~
~~*U blu ħolliem ta' lejla saħħarija.*~~

~~*Misteru fl-iċken qamħa u f'kull żerriegħa,*~~
~~*Misteru d-dawl, l-għajnejn, il-mewt u l-ħajja,*~~
~~*Misteru l-qalb tal-bniedem b'kull ma fiha.*~~

~~*Alla misteru: u mill-essenza Tiegħu*~~
~~*Mal-ġmiel li ħalaq xerred frak bi qtajja'*~~
~~*Biex nagħ'rfu ċ-ċokon tagħna u kobor Driegħu.*~~

DUN FRANS CAMILLERI.